MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 93/2004

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont danni kollha sofferti minnu per konsegwenza ghall-incident stradali illi gara fil-5 ta' Settembru 2004 fi Triq l-Mgarr, Xewkija, Ghawdex, bejn il-vettura CBL 493 proprejta' tieghek u misjuqa minnek; liema incident gara unikament tort u htija tieghek minhabba sewqan esagert u traskurat da parti tieghek u minhabba illi inti olterpassajt il-linji bojod kontinwi illi jippojbixxu manuvi simili kif ukoll ghaliex inti inqast illi izzomm a proper look out; u dan prevja illi inti tigi dikjarat unikament responsabbli ghall-istess incident.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-kumpannija assikuratrici tieghek; u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt."

Ra r-risposta li tghid hekk:

“ 1. Illi l-pretensjonijiet tal-atturi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi difatti l-incident de quo gara unikament ghaliex l-attur – illi sa ftit
sekondi qabel l-incident kien ipparkjat fuq in-naha tal-lemin (kif kie ihares lejha l-esponenti) ta’ Triq Mgarr – qabad u qala mill-posizzjoni stazzjonarja tieghu, u mar jaghmel U-turn sabiex imur lura ix-Xewkija fejn jabita.

3. Illi dan jixhdu sahansitra il-fatt illi d-daqqa fuq il-quddiem tal-vettura tieghu. Din id-daqqa hija kompatibbli biss ma’ manuvra da parti tal-attur illi jdur lura fuq il-lemin tieghu.

4. Ghalqadstant ir-responsabbilita’ ghall-incident ghandha tigi akkollata interament lill-attur u lil hadd aktar.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.”

Sema’ l-provi u ra l-post tal-incident billi zamm access fuq l-istess

Ikkunsidra

Il-partijiet jaghtu verzjonijiet radikalment differenti dwar kif sehh l-incident. L-attur jghid li huwa kien ghaddej fuq sajdu sejjer fid-direzzjoni ta’ Victoria fil-parti ta’ Triq l-Imgarr meta sab quddiemu l-vettura tal-konvenut li baqa’ diehel fih. Il-konvenut jghid li kien niezel b’velocita’ moderata fl-istess triq izda fid-direzzjoni opposta ghal dik tal-attur, u cioe’ fid-direzzjoni tal-Imgarr meta *ex abrupto* l-attur kiser lejn il-lemin tieghu, qabez il-linja doppja kontinwa li hemm fin-nofs tat-triq, il-konvenut ipprova jevita l-habta billi kiser lejn ix-xellug tieghu izda xorta wahda sehhet il-habta u l-vettura tal-konvenut temmet il-vjagg taghha mkahhla gewwa sigra fil-gemb tat-triq.

L-attur *a tempo vergine* (fol 23) jghid li l-attur *baqa' gej dirett ghal go fija u fil-fatt hbatna.* Ikkontro-ezaminat (fol 33 et seq) huwa m'gharafx jghid f'liema parti tal-vettura tieghu laqqat id-daqqa; qal li lill-attur rah f'kolp gej fuqu ghax kien ghadu gej minn liwja hafifa li allega li hemm fit-triq; ikkonferma li l-hsara fil-vettura tieghu kienet fuq in-naha ta' quddiem min-nofs lejn ix-xellug; ma ftakarx jekk il-vettura tieghu wara l-incident marritx lura jew le u allura l-anqas jeskludi li l-habta setghet sehhet iktar 'il quddiem minn fejn spiccat il-vettura tieghu. It-Tribunal xejn ma jaghti affidament lil din il-kwalita' ta' xhieda billi

1. Mill-access irrizulta li l-parti tat-triq fejn sehhet il-habta hija wiesa u dritta, b'viswali mill-iktar estensiva. Il-liwja tinstab f'distanza konsiderevoli iktar 'l isfel minn fejn sehhet il-habta, kif del resto jammetti l-istess attur meta gie ssikkat in kontro-ezami ammetta li l-incident sehh mhux iktar lejn ix-Xewkija mill-Istadium tal-futboll, kif qal inizjalment, imma iktar lejn ir-Rabat mill-istess stadium (ara fol 35) - u cioe' mhux fejn hemm il-liwja imma fejn it-triq hija dritta.
2. Mhux verosimili li l-attur huwa sajjem ghal kollox minn fatturi importanti tal-incident, bhal b'liema parti vettura dahlet fl-ohra, u jekk il-vettura tieghu imxietx lura wara l-impatt.
3. Il-hsara fil-vettura tal-attur mhix kompatibbli mad-deskrizzjoni tieghu tal-incident, sia pure deskrizzjoni skarna minn kull dettall. Mhux possibbli li l-vettura tal-konvenut habtet fuq in-naha tax-xellug tal-faccata tal-karozza tal-konvenut u mbaghad baqghet sejra lejn in-naha tal-lemin tat-triq, ghax l-iter taghha kien ostakolat mil-vettura tal-attur.

L-attur kien konsistenti fil-verzjoni li ta' kemm a tempo vergine kif ukoll waqt is-smiegh tal-kawza, u kien ukoll ikkorroborat minn martu, li kienet passiggier fis-seat ta' quddiem. Izda l-verzjoni tieghu mhux biss issib il-korroborazzjoni ta' martu imma wkoll mill-ghamla tal-hsarat taz-zewg vetturi. Kif diga nghad, il-hsara fil-vettura tal-attur hija fuq il-faccata, min-nofs lejn ix-xellug, u hija kkoncentrata fuq ix-xellug estrem. Barra minn hekk, il-faccata kollha hija migbuda lejn in-naha tal-lemin. Dan

huwa kompatibbli ma' habta bejn zewg karozzi li wahda minnhom kienet qieghda taghmel U-turn u allura kienet f'posizzjoni perpendikulari mat-tul tat-triq, u l-ohra niezla dritt fl-istess triq. Il-vettura tal-konvenut habtet mal-koxxa ta' quddiem tal-karozza tal-konvenut u billi l-konvenut kiser lejn ix-xellug tieghu, l-impatt sar inqas accentwat sakemm intemm fin-nofs tal-vettura tal-attur; filwaqt illi b'dan l-impatt laterali, il-bumper tal-vettura tal-attur spustja ruhu lejn il-lemin. Min-naha l-ohra, il-hsara fil-vettura tal-konvenut, apparti n-naha ta' quddiem fejn habtet gos-sigra, kienet fil-*front right wing.*

Fattur iehor li jaghti piz lill-verzjoni tal-konvenut huwa s-sinjal, indikat bhala l-10.4 m *brake-mark* fuq it-traffic accident report (ara fol 26) li fil-fehema tat-Tribunal iktar probabbli huwa *tyre-mark* li sehh wara l-habta. Dan is-sinjal jinstab fil-karreggjata tal-konvenut, u mhux dik tal-attur.

Rigward il-*point of impact* dan ma jidhirx li huwa korrett. Il-kollizjoni proabilment sehhet fil-karreggjata tal-konvenut qabel il-bidu tat-*tyre-mark*.

Ma hemmx dubbju ghalhekk li l-kawza prossima tal-incident kienet il-manuvra ta' U-turn li ghamel l-attur kontra r-regolamenti tat-traffiku bi traskuragni grassa u b'periklu car ghall-utenti l-ohra tat-triq.

Ghalhekk it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement jichad it-talba tal-attur, bl-ispejjez a kariku tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------